



25.4.2017

## OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, UE Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ( COM(2016)0605 – C8-0372/2016 – 2016/0282(COD))

Rapporteur għal opinjoni (\*): Jerzy Buzek

(\* ) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Proposta tal-Kummissjoni

Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi l-prinċipji u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fl-istabbiliment u l-infiq tal-baġit tal-UE u fil-kontroll tal-fondi tal-UE. Bir-reviżjoni proposta l-Kummissjoni għandha l-għan li tikseb regoli aktar sempliċi u flessibbli li jenħteġ li jgħinu sabiex jiġu ottimizzati l-infiq u l-impatt ta' dan il-QFP li ser jibqa' għaddej sal-2020. Ir-reviżjoni tinkludi tibdil estensiv fir-regoli finanzjarji ġenerali (parti 1 tal-proposta), tibdil korrispondenti fir-regoli għall-fondi settorjali u tibdil f'firxa ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fl-atti bażiċi tal-programmi ta' finanzjament mill-UE (parti 2).

Rigward it-tibdil propost fejn il-Kumitat ITRE għandu kompetenza esklussiva, il-proposta temenda:

*Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Artikolu 272, Premessa 239 sa 241).*

a) billi tintroduċi faċilità ta' taħlit speċifika għas-CEF

Il-proposta ta' Regolament Finanzjarju dwar it-taħlit fil-Parti 1 (Artikoli 2, 153) tirrikonoxxi l-kunċett ta' operazzjonijiet ta' taħlit u tindirizza għadd ta' kwistjonijiet li qamu fl-implimentazzjoni ta' Faċilitajiet ta' Taħlit fejn daww il-faċilitajiet jinkludu strumenti finanzjarji. Il-proposta tikkjarifika li meta l-istrumenti finanzjarji jiġu implimentati permezz ta' Faċilitajiet ta' Taħlit, it-Titolu X japplika għal daww il-ftehimiet/investimenti. Hija tiċċara wkoll li l-evalwazzjoni ex-ante meħtieġa skont it-Titolu X għandha ssir għall-faċilità sħiħa (u mhux individwalment għal kull strument finanzjarju ffinanzjat) u li r-rapporti annwali għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-faċilità tat-taħlit.

Sabiex tkun konsistenti ma' dan it-tibdil propost u sabiex tenfasizza b'mod trasparenti lill-Parlament Ewropew, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati kollha li huma l-benefiċjarji potenzjali ta' fondi mis-CEF, li din l-għażla l-għdida li jiġi implimentat il-baġit tal-UE hija disponibbli wkoll skont ir-Regolament CEF, il-Kummissjoni pproponiet li tintroduċi tibdil fir-Regolament CEF.

Il-faċilitajiet ta' taħlit tas-CEF għandhom l-għan li jżidu l-effettività tal-finanzjament mill-UE għal proġetti ta' interess komuni fin-netwerks trans-Ewropej, billi

- Jissimplifikaw u jagħmlu aktar effiċjenti l-proċess ta' identifikazzjoni u finanzjament ta' proġetti
- jattiraw riżorsi addizzjonali minn investituri privati u jżidu s-sjieda u l-impenn tal-istituzzjonijiet finanzjarji involuti.
- jottimizzaw l-effett ta' lieva tal-finanzjament pubbliku permezz tal-kombinament ta' għotjiet tas-CEF jew strumenti finanzjarji/ta' kondivizzjoni tar-riskju ma' finanzjament minn sħab istituzzjonali u investituri,
- itejbu l-koordinazzjoni fit-tħejjija, il-finanzjament u s-sottomissjoni ta' proġetti

- jippermettu tfassil aktar flessibbli tal-proġetti maż-żmien, eż. fir-rigward tal-aspetti finanzjarji
- iżidu l-flessibbiltà fir-rigward tal-kalendarju għas-sottomissjoni tal-proġetti.

Jenħtieġ li jiġi osservat ukoll li l-Faċilitajiet ta' Taħlit jistgħu jiġu fornuti b'baġit kemm mill-għotjiet tas-CEF kif ukoll minn strumenti finanzjarji u jikkonsenjaw kemm għotjiet ta' investment kif ukoll strumenti finanzjarji. Fl-istess ħin, il-prijoritajiet għall-eliġibbiltà tal-proġetti jibqgħu l-istess bħal ma huma issa - dawn huma stipulati fir-Regolament CEF u fil-linji gwida settorjali, f'kull wieħed mis-setturi CEF.

Bħal kull infiq ieħor, l-Istati Membri preżenti fil-Kumitat tas-CEF jiġu kkonsultati dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tinholq u tiġi ffinanzjata Faċilità ta' Taħlit permezz tas-CEF. Id-Deċiżjoni tal-Għażla tintbagħat simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

b) billi tintroduċi tibdil fiċ-Ċertifikazzjoni tan-nefqa mġarrba fi proġetti tat-telekomunikazzjoni tas-CEF

Il-Kummissjoni tqis li l-emenda proposta hija konformi mal-objettiv ta' simplifikazzjoni tar-Regolament "Omnibus", filwaqt li ma ddgħajjifx il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.

Fil-verżjoni attwali tiegħu, l-Artikolu 22(2) ifisser li fit-tmiem tal-proġett, kull parteċipant fil-proġett irid jistaqsi lill-Istati Membri fejn ikun ibbażat biex jiċċertifika li l-informazzjoni pprovduta fir-rapport finali u fid-dikjarazzjoni finanzjarja hija sħiħa, affidabbli u vera; u li l-ispejjeż iddikjarati fid-dikjarazzjoni finanzjarja finali huma reali u eliġibbli skont il-ftehim ta' għotja.

Minħabba n-natura differenti tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet tas-CEF (daqs medju tal-għotjiet, it-tip ta' spejjeż, it-tip ta' proġetti...), iċ-ċertifikazzjoni tal-Istat Membru timponi piż bla bżonn fuq il-benefiċjarji u fuq l-Istati Membri li jipparteċipaw f'azzjonijiet relatati. L-emenda tneħħi l-obbligu taċ-ċertifikazzjoni tal-ispejjeż fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, peress li d-dispożizzjoni attwali hija aktar adattata għas-Setturi tat-Trasport tas-CEF u tal-Enerġija tas-CEF.

Għandu jiġi nnotat li qabel id-dħul fis-seħħ tal-"Omnibus", tibdil simili jista' jiddaħħal għall-proġetti WiFi4EU.

*Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 dwar linji gwida għat-telekomunikazzjonijiet (Artikolu 274, premessi 242 u 243)*

- Emenda tal-Artikolu 2(1)(e) dwar id-definizzjoni ta' servizzi ġeneriċi

L-emenda proposta għandha l-għan li żżid iċ-ċertezza legali għal intervent fil-qasam tal-Infrastrutturi ta' Servizzi Diġitali (DSI), peress li tiċċara li taħt il-kategorija ta' "Servizzi online transfruntiera interoperabbli", is-servizzi ġeneriċi jistgħu jkopru elementi ta' DSI partikolari, inklużi l-informatika, il-ħżin u l-ġestjoni tad-data, kif ukoll il-konnettività.

Dan jippermetti sfruttament aħjar tal-potenzjal tas-CEF billi jindirizza b'ċertezza legali l-evoluzzjonijiet fis-settur diġitali kif inter alia, identifikati fl-Istrateġija dwar id-

Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea, u b'mod partikolari l-Inizjattiva Ewropea dwar il-Cloud.

- Emenda tal-Artikolu 5(4), dwar l-appoġġ għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-infrastrutturi ta' servizzi diġitali.

Fil-verżjoni attwali tiegħu, l-Artikolu 5(4) jillimita l-appoġġ għall-Infrastrutturi ta' Servizzi Diġitali għal għotjiet u/jew akkwisti. L-emenda proposta għandha l-għan li testendi l-modi ta' intervent għall-istrumenti finanzjarji, peress li l-inflessibbiltà fil-verżjoni attwali hija meqjusa bħala mhux meħtieġa.

*Il-qafas ta' appoġġ tas-Sorveljanza u Insewiment fl-Ispazju (SST), Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (Artikolu 276, Premessa 251)*

Meta fl-2014 ġiet adottata d-"Deċiżjoni SST", ma kienx possibbli li jinħoloq programm per se b'linja baġitarja apposta, minħabba l-kuntest speċifiku għall-programmi tal-ispazju dak iż-żmien. Għalhekk, il-Qafas ta' Appoġġ SST ġie ffinanzjat sa mill-2015 permezz ta' 4 linji baġitarji separati, marbuta mal-programmi Copernicus, EGNSS, H2020 Spazju u H2020 Sigurtà.

Għaldaqstant, il-krediti tal-2015 intużaw permezz ta' 3 għotjiet għall-Konsorzju SST, li 2 minnhom huma ġestiti mill-Aġenzija ta' Riċerka Eżekuttiva (REA) (għall-baġit li ġej minn H2020 Spazju u H2020 Sigurtà) u wieħed mid-DĠ GROW (għall-baġit li ġej minn Galileo u Copernicus).

Madankollu, ir-regoli u l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji applikabbli għall-għotjiet H2020 ivarjaw mir-regoli applikabbli għall-għotjiet tad-DĠ GROW.

Din l-iskema ta' finanzjament hija s-sors ta' kumplessità, ta' riskju ta' duplikazzjoni jew diverġenza bejn l-azzjonijiet u ta' sforzi amministrattivi addizzjonali għas-servizzi tal-Kummissjoni iżda wkoll għall-benefiċjarji.

Bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza u li tiġi rrazzjonalizzata l-ġestjoni tal-azzjoni tal-UE, b'hekk huwa propost li tintuża l-opportunità ta' proposta għas-simplifikazzjoni tar-regoli Finanzjarji sabiex tiġi stabbilita għall-SST ġabra waħda ta' regoli għall-għoti u l-ġestjoni tal-għotjiet ta' implimentazzjoni. L-appikazzjoni ta' din il-ġabra waħda ta' regoli ma taffettwax l-għanijiet, l-oġettivi u l-iskop ta' kull wieħed mit-tliet programmi ta' finanzjament.

Il-mudell/soluzzjoni proposti diġà ġew applikati fi preċedenti oħrajn, relatati mas-CEF (Connecting Europe Facility - Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa). Din tikkonsisti fl-appikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji ta' programm wieħed għall-ġestjoni ta' fondi li jiġu mill-programmi l-oħrajn, mingħajr ma tiġi mmodifikata n-natura ta' dawn tal-aħħar.

Huwa mistenni li t-totalità ta' dawn il-baġits tista' mbagħad tiġi raggrupjata u eżegwita skont l-istess regoli u proċeduri amministrattivi u finanzjarji.

L-għażla tal-programm Copernicus hija ġġustifikata permezz ta':

il-fatt li s-satelliti Copernicus, f'orbita baxxa, huma l-infrastruttura tal-ispazju tal-UE l-aktar esposta għar-riskju ta' kollizzjoni ma' skart tal-ispazju;  
Ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għal Copernicus huma aktar sempliċi minn dawk applikabbli għall-H2020;  
Din se tkun l-istess entità amministrattiva li se tmexxi Copernicus u SST, u għalhekk l-implimentazzjoni tkun iffaċilitata.

Il-baġit li jikkorrispondi għall-aġġornament tal-prestazzjoni ta' sensors fil-livell Ewropew ma jkunx parti mis-simplifikazzjoni u jibqa' amministrat mill-REA skont ir-regoli applikabbli għall-programm H2020. Din l-azzjoni tabilħaqq mhijiex marbuta direttament mal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni SST.

Il-paragrafu l-ġdid li ddaħħal bil-proposta jipprovdi li l-programmi Copernicus, EGNSS u H2020 jistgħu jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-azzjonijiet imsemmija taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu, skont il-kamp ta' applikazzjoni, l-għanijiet u l-oġettivi tagħhom.

Jekk tiġi adottata, il-proposta ta' simplifikazzjoni tista' tidħol fis-seħħ fl-2018. Dan jippermetti li jkun hemm biss 2 għotjiet minn dik is-sena:

Waħda li tkopri Copernicus, EGNSS, H2020 Spazju u H2020 Sigurtà għall-azzjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni SST

Waħda li tkopri H2020 Spazju għall-aġġornament tas-sensors (mhux parti mill-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni SST)

## **Il-pożizzjoni tar-rapporteur**

B'mod ġenerali, it-tibdil propost fir-rigward tal-kompetenza esklussiva tal-Kumitat ITRE, jidher pjuttost limitat u ta' natura teknika.

Għat-tibdil propost fir-rigward tal-kwistjoni tat-telekomunikazzjonijiet (linji gwida dwar is-CEF u t-telekomunikazzjonijiet), ir-rapporteur jixtieq jenfasizza li dawn jenħtieġ li jkunu kkoordinati mal-proposta WiFi4all li l-Parlament jindirizza b'mod parallel.

Aktar relevanti għall-koerenza interna dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew hija l-kwistjoni tat-taħlit fis-CEF u fil-parti aktar ġenerali tal-proposta.

Jidher li d-diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-BEI dwar it-twettiq futur possibbli ta' faċilitajiet ta' taħlit huma aktar avvanzati fil-parti tat-trasport milli fl-enerġija jew it-telekomunikazzjonijiet iżda t-tibdil jenħtieġ li jkun abbozzat b'mod li tiġi iċċentivata wkoll l-aċċellerazzjoni għal proġetti tal-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet. Huwa mistenni li l-faċilità ta' taħlit tagħmilha aktar effiċjenti, aktar veloċi u b'mod ġenerali aktar attraenti għall-investituri biex jinvestu f'PCIs.

Is-servizzi tal-Kummissjoni (DĠ BUDG, DĠ ENER, DĠ Connect, DĠ Move) taw spjegazzjoni dettaljata lill-Parlament. Ir-rapporteur jikkunsidra l-isjegazzjonijiet u l-ġustifikazzjoni bħala konvinċenti.

It-tibdil propost għalhekk għandu l-għan li jiċċara l-kunċett u l-intenzjonijiet ta' din l-opzjoni

u li jispjega l-iskop u l-aspettattivi ta' din il-modifika.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 239

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(239) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-intervent, ***tista' tiġi stabbilita faċilità tat-taħlit jew*** jistgħu jiġu stabbiliti faċilitajiet tat-taħlit skont il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF). Tali faċilitajiet tat-taħlit ***għandhom*** jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' taħlit li huma azzjonijiet li jgħaqqdu forom mhux rimborżabbli ta' appoġġ u/jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni, ***inkluża taħlita*** ta' ekwità tas-CEF u strumenti finanzjarji tad-dejn tas-CEF, u finanzjament mill-Grupp tal-BEI (inkluż il-finanzjament tal-BEI mill-FEIS), istituzzjonijiet ta' finanzjament oħrajn jew ta' żvilupp kif ukoll investituri.

##### *Emenda*

(239) Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-intervent, jistgħu jiġu stabbiliti faċilitajiet tat-taħlit skont il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF). Tali faċilitajiet tat-taħlit ***jistgħu*** jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' taħlit li huma azzjonijiet li jgħaqqdu forom mhux rimborżabbli ta' appoġġ, ***bħall-baġits tal-Istati Membri u l-għotjiet tas-CEF***, u/jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni, ***inklużi kombinamenti*** ta' ekwità tas-CEF u strumenti finanzjarji tad-dejn tas-CEF u finanzjament mill-Grupp tal-BEI (inkluż il-finanzjament tal-BEI mill-FEIS), ***banek promozzjonali nazzjonali jew*** istituzzjonijiet ta' finanzjament oħrajn jew ta' żvilupp kif ukoll investituri ***u/jew appoġġ finanzjarju privat, inklużi kontribuzzjonijiet finanzjarji kemm diretti kif ukoll indiretti, inkluż permezz ta' Sħubijiet Pubbliċi u Privati.***

##### *Ġustifikazzjoni*

*It-taħlit jenħtieġ li jippromwovi kombinament wiesa' ta' kontribuzzjonijiet minn baġits nazzjonali u tal-UE jew investituri privati, sabiex kemm jista' jkun jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi disponibbli u jiġu attirati l-investimenti privati.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 239a (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

*(239a) Il-governanza tal-faċilitajiet ta' taħlit jenħtieġ li tkun ibbażata fuq evalwazzjoni ex-ante skont ir-Regolament Finanzjarju u jenħtieġ li tirrifletti fuq ir-riżultati tal-lezzjonijiet mitgħallma mill-implimentazzjoni tas-"Sejħa għat-Taħlit" tas-CEF li ssir referenza għaliha fil-Programm ta' Ħidma Pluriennali tas-CEF għall-2017 li ġie ppubblikat fl-20 ta' Jannar 2017. Il-faċilitajiet ta' taħlit tas-CEF jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-programmi ta' ħidma pluriennali jew annwali adottati skont l-Artikolu 17 u l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura rapportar trasparenti u fil-ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u dwar l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe faċilità ta' taħlit.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li l-istabbiliment u l-użu ta' faċilitajiet ta' taħlit isegwu proċess ta' governanza ddefinit sew u trasparenti u jinkludu lezzjonijiet li għandhom jiġu mitgħallma mis-sejħa ta' koordinazzjoni tas-CEF għall-2017 li tinsab għaddejja ("sejħa għat-taħlit"). B'mod partikolari, fir-rigward tal-iskrutinju tas-CEF mill-Parlament, il-faċilitajiet ta' taħlit u l-operazzjoni ta' taħlit jenħtieġ li jiġu stabbiliti skont il-mekkaniżmi stabbiliti ta' ppjanar u teħid ta' deċiżjonijiet fiċ-ċiklu tal-programm ta' ħidma tas-CEF.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 239b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(239b) L-objettiv tal-Faċilitajiet ta' Taħlit tas-CEF huwa li jiffaċilita u jissimplifika applikazzjoni waħda għal kull forma ta' appoġġ, inklużi għotjiet tal-Unjoni mis-CEF u finanzjament mis-settur privat. Dawk il-faċilitajiet ta' taħlit jenħtieġ li jkollhom l-għan li jottimizzaw il-proċess ta' applikazzjoni għal promoturi ta' proġetti billi jipprovdu proċess ta' evalwazzjoni wieħed, mill-perspettivi tekniċi u finanzjarji.*



## Emenda 4

### Proposta għal regolament Premessa 239c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(239c) Il-Faċilitajiet ta' Taħlit tas-CEF jenħtieġ li jżidu l-flessibbiltà fir-rigward tal-kalendarju taż-żmien għas-sottomissjoni tal-proġetti, u jissimplifikaw u jiffaċilitaw il-proċess tal-identifikazzjoni u l-finanzjament ta' proġetti. Dawn jenħtieġ li jżidu wkoll is-sjeda u l-impenn tal-istituzzjonijiet finanzjarji involuti u jtaffu r-riskju li proġetti li għalihom jiġu impenjati għotjiet jonqsu milli jiksbu għeluq finanzjarju, u b'hekk ma jirnexxilhomx jirċievu pagamenti.*

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 239d (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(239d) Il-Faċilitajiet ta' Taħlit tas-CEF jenħtieġ li jġibu koordinazzjoni, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni mtejba bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-BEI, il-banek promozzjonali nazzjonali u investituri privati bil-għan li jiġġeneraw u jappoġġjaw sensiela b'saħħitha ta' proġetti li jsegwu l-oġettivi tal-politika tas-CEF.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 240

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(240) *Faċilità* ta' taħlit *skont is-CEF* għandu *jkollha* l-għan li *ttejjeb* l-effett multiplikatur tal-infiq tal-Unjoni billi

(240) *Il-faċilitajiet* ta' taħlit *tas-CEF* jenħtieġ li *jkollhom* l-għan li *jtejbu* l-effett multiplikatur tal-infiq tal-Unjoni billi

**tattira** riżorsi addizzjonali minn investituri privati. Barra minn hekk, għandha tiżgura li l-azzjonijiet appoġġjati jsiru ekonomikament u finanzjarjament vijabbli.

**jattiraw** riżorsi addizzjonali minn investituri privati, **u b'hekk jiżguraw l-ogħla livell ta' involviment mill-investituri privati**; Barra minn hekk, jenħtieġ li jiżguraw li l-azzjonijiet appoġġjati jsiru ekonomikament u finanzjarjament vijabbli **u jgħinu sabiex jevitaw in-nuqqas ta' effett ta' lieva għall-investment.**

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 241a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(241a) Minħabba n-natura differenti tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet tas-CEF meta mqabbel mas-setturi tat-Trasport tas-CEF u tal-Enerġija tas-CEF (daqs medju iżgħar ta' għotjiet, tip ta' spejjeż u tip ta' proġetti), jenħtieġ li jiġi evitat piż bla bżonn fuq il-benefiċjarji u fuq l-Istati Membri li jipparteċipaw f'azzjonijiet relatati, permezz ta' obbligu eħfef tal-ispiża taċ-ċertifikazzjoni, mingħajr ma jiddgħajjef il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda.**

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 242

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(242) Bħalissa jistgħu jintużaw biss għotjiet u l-akkwist sabiex jappoġġjaw azzjonijiet fil-qasam tal-Infrastrutturi tas-Servizzi Diġitali. Sabiex **tiġi żgurata l-akbar** effiċjenza possibbli, **l-istrumenti** finanzjarji **għandhom** jitqiegħdu għad-dispożizzjoni wkoll sabiex jappoġġjaw dawn l-azzjonijiet.

(242) Bħalissa jistgħu jintużaw biss għotjiet u l-akkwist sabiex jappoġġjaw azzjonijiet fil-qasam tal-Infrastrutturi tas-Servizzi Diġitali. Sabiex **jiġi żgurat li l-Infrastrutturi tas-Servizz Diġitali jiffunzjonaw bl-akbar** effiċjenza possibbli, **strumenti** finanzjarji **oħra li attwalment jintużaw skont is-CEF, inklużi l-istrumenti finanzjarji innovattivi, jenħtieġ li** jitqiegħdu għad-dispożizzjoni wkoll

sabiex jappoġġjaw dawn l-azzjonijiet.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 272 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 1316/2013

Artikolu 16a - paragrafu 3 - subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Jekk l-10 % tal-pakketti finanzjarji ġenerali tas-CEF imsemmija fl-Artikolu 5(1) ma jintużax totalment għall-Faċilitajiet ta' Taħlit tas-CEF, l-ammont li jifdal għandu jsir disponibbli u jiġi ddistribwit mill-ġdid għall-pakketti finanzjarji ġenerali tas-CEF imsemmija fl-Artikolu 5(1).***

*Ġustifikazzjoni*

*L-appoġġ mogħti lill-faċilitajiet ta' taħlit irid iqis id-disponibbiltà tal-baġit tal-Unjoni. Meta r-riżorsi għat-taħlit ma jkunux jew ma jistgħux jintużaw bis-sħiħ, dawn jenħtieġ li jmorru lura lejn il-pakketti baġitari ġenerali fis-setturi differenti, b'mod partikolari dawk għal għotjiet fit-trasport.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 272 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 1316/2013

Artikolu 16a – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. L-appoġġ ipprovdut mill-Faċilità ta' Taħlit tas-CEF fil-forma ta' għotjiet għandu jikkonforma mal-eliġibbiltà u mal-kundizzjonijiet għall-assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 7. L-ammont ta' assistenza finanzjarja li trid tingħata lill-operazzjonijiet ta' Taħlit appoġġjati permezz ta' Faċilità ta' Taħlit tas-CEF għandu jiġi mmodulat fuq il-bażi ta' analiżi ***kost-benefiċċji*** u l-ħtieġa li jiġi massimizzat ***l-ingranaġġ*** tal-finanzjament

4. L-appoġġ ipprovdut mill-Faċilità ta' Taħlit tas-CEF fil-forma ta' għotjiet għandu jikkonforma mal-eliġibbiltà u mal-kundizzjonijiet għall-assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 7. L-ammont ta' assistenza finanzjarja li trid tingħata lill-operazzjonijiet ta' Taħlit appoġġjati permezz ta' Faċilità ta' Taħlit tas-CEF għandu jiġi mmodulat fuq il-bażi ta' analiżi ***tal-kost-benefiċċji, id-disponibbiltà tar-riżorsi baġitari tal-Unjoni*** u l-ħtieġa li jiġi

tal-Unjoni.

massimizzat *l-effett ta' lieva* tal-finanzjament tal-Unjoni.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 272 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 1316/2013

Artikolu 16a – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-operazzjonijiet ta' taħlit appoġġati permezz ta' Faċilità ta' Taħlit tas-CEF għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' maturità u għandhom ifittxu li jkollhom diversifikazzjoni settorjali skont l-Artikoli 3 u 4, kif ukoll bilanċ ġeografiku fost l-Istati Membri. Huma għandhom:

#### *Emenda*

6. L-operazzjonijiet ta' taħlit appoġġati permezz ta' Faċilità ta' Taħlit tas-CEF għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' maturità, ***filwaqt li titqies ġabra minima ta' kriterji li għandhom jiġu ffixsati mill-Kummissjoni*** u għandhom ifittxu li jkollhom diversifikazzjoni settorjali skont l-Artikoli 3 u 4 kif ukoll bilanċ ġeografiku fost l-Istati Membri. Huma għandhom:

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li proġetti taħt faċilità ta' taħlit jiġu skrinjati fuq il-bażi kemm tal-merti tal-kwalità kif ukoll tal-maturità tagħhom b'mod trasparenti u bilanċjat. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffissa l-kriterji meħtieġa sabiex ttiprovdi regoli ċari lill-istituzzjonijiet sħab li hija tafda bl-implimentazzjoni ta' faċilità ta' taħlit. Dawn il-kriterji jenħtieġ li jiġu ffixsati mill-programmi ta' ħidma pluriennali jew annwali tas-CEF li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17 taħt il-proċeduri normali tal-kumitat tal-Artikolu 25.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 272 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament (UE) Nru 1316/2013

Artikolu 16a – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-operazzjonijiet ta' taħlit fil-pajjiżi terzi jistgħu jkunu appoġġati permezz ta' Faċilità ta' Taħlit ***għat-Trasport*** tas-CEF jekk daww l-azzjonijiet ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġett ta' interess komuni.

#### *Emenda*

7. L-operazzjonijiet ta' taħlit fil-pajjiżi terzi jistgħu jkunu appoġġati permezz ta' Faċilità ta' Taħlit tas-CEF jekk daww l-azzjonijiet ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġett ta' interess komuni.

## *Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li jkun possibbli appoġġ għal proġetti ta' interess komuni fi ħdan faċilitajiet ta' taħlit għas-setturi kollha tas-CEF, inklużi t-transport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni, anki meta jkunu involuti pajjiżi terzi.*

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 274 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 283/2014

Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Il-kontribuzzjoni ġenerali mill-baġit tal-Unjoni għall-istrumenti finanzjarji skont il-punt (c) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex taqbeż l-10 % tal-pakketti finanzjarji ġenerali tas-CEF kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(b);**

### **Emenda 14**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 274 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 283/2014

Artikolu 5 – paragrafu 4b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4b. L-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri bħala strumenti finanzjarji f'dak il-qasam għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni skont il-proċess tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu previst fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> ;**

---

**<sup>1a</sup>Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE)**

*Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).*

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 274 – paragrafu 1 – punt 2c (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 283/2014

Artikolu 5 – paragrafu 4c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*4c. Sa ... mhux aktar tard minn [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha tipproduċi rieżami tal-impatt tal-istrumenti finanzjarji dwar il-funzjonament ta' azzjonijiet fil-qasam tas-servizzi diġitali;*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 276 – paragrafu 1a (ġdid)**

Deċiżjoni Nru 541/2014/UE

Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. Sa ... mhux aktar tard minn [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-funzjonament tal-finanzjament tal-qafas ta' appoġġ għall-SST skont ir-regoli finanzjarji riveduti.*

## PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni	
<b>Referenzi</b>	COM(2016)0605 – C8-0372/2016 – 2016/0282(COD)	
<b>Kumitati responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 21.11.2016	CONT 21.11.2016
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 21.11.2016	
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	19.1.2017	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jerzy Buzek 9.11.2016	
<b>Artikolu 55 – Proċedura b'kumitati konġunti</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	19.1.2017	
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.4.2017	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+	52
	-	6
	0:	2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Bendt Bendtsen, Xabier Benito Ziluaga, David Borrelli, Cristian-Silviu Buşoi, Reinhard Bütikofer, Jerzy Buzek, Edward Czesak, Jakop Dalunde, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Ashley Fox, Adam Gierak, Rebecca Harms, Roger Helmer, Hans-Olaf Henkel, Eva Kaili, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Jaromír Kohlíček, Miapetra Kumpula-Natri, Janusz Lewandowski, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Angelika Mlinar, Dan Nica, Angelika Niebler, Miroslav Poche, Carolina Punset, Michel Reimon, Herbert Reul, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Jean-Luc Schaffhauser, Neoklis Sylikiotis, Dario Tamburrano, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Lieve Wierinck, Hermann Winkler, Anna Záborská, Carlos Zorrinho	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Amjad Bashir, Soledad Cabezón Ruiz, Isabella De Monte, Francesc Gambús, Constanze Krehl, Werner Langen, Olle Ludvigsson, Gesine Meissner, Clare Moody, Anne Sander, Theodor Dumitru Stolojan, Pavel Telička	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georgi Pirinski	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

52	+
ALDE	Gesine Meissner, Angelika Mlinar, Carolina Punset, Pavel Telička, Lieve Wierinck
ECR	Amjad Bashir, Edward Czesak, Ashley Fox, Hans-Olaf Henkel, Evžen Tošenovský
PPE	Bendt Bendtsen, Jerzy Buzek, Cristian-Silviu Buşoi, Christian Ehler, Francesc Gambús, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Werner Langen, Janusz Lewandowski, Angelika Niebler, Herbert Reul, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Anne Sander, Algirdas Saudargas, Theodor Dumitru Stolojan, Vladimir Urutchev, Hermann Winkler, Anna Záborská, Pilar del Castillo Vera
S&D	Soledad Cabezón Ruiz, Isabella De Monte, Adam Gierek, Eva Kaili, Jeppe Kofod, Constanze Krehl, Miapetra Kumpula-Natri, Olle Ludvigsson, Edouard Martin, Clare Moody, Dan Nica, Georgi Pirinski, Miroslav Poche, Patrizia Toia, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Reinhard Bütikofer, Jakop Dalunde, Rebecca Harms, Michel Reimon, Claude Turmes

6	-
EFDD	Roger Helmer
ENF	Jean-Luc Schaffhauser
GUE/NGL	Xabier Benito Ziluaga, Jaromír Kohlíček, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis

2	0
EFDD	David Borrelli, Dario Tamburrano

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni